CittaNotabile

# AGENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajma
3. MLC Financial Statements 2015- Approvazzjoni ta' l-aġġustamenti
4. Quarter Financial Reports- 2015
5. Ħarġa Anzjani
6. Korrispondenza
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet u ħlasijiet ta' Petty Cash
8. Affarijiet ohra meqjusa urgenti
9. Aggornament

Minuti tal-laqgha numru 39 tas-seba Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 12 ta’ Mejju 2016 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Presenti |
| Kunsillier | Mary Ann Sultana | MS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Mark Mallia | MM | Prezenti |

**39.1** **Approvazzjoni tal-Minuti**

39.1.1 Il-Minuti tal-Laqgħa numru 38 gew approvati

**39.2** **Punti Mqajma**

39.2.1 Is- Sindku PSM infurma lill- Kunsill li Transport Malta lestew is-sinjali tat-traffiku fid-daħla ta' L-Imdina.

39.2.2 Is- Sindku PSM xtaq jirringrazzja lill-Kunsillera, ħaddiema tal-Kunsill u dawk kollha involuti fis-suċċess li kellha l-attivita ta' Mdina Medieval 2016

39.2.3 Is- Sindku PSM talab lis- SE biex jibgħat reminder lil Transport Malta fuq il-belisha lights li hemm fid-daħla ta' l-Imdina.

39.2.4 Is- SE infurma lill-Kunsill li ġie sottomess appell minn WM Environmental Ltd fir-rigward tat-Tender MLC 2/16 u l-kuntratt l-ġdid ma jistax isir sakemm tinqata' s-sentenza. Huwa ser joħroġ sejħa għal xi kwotazzjonijiet biex ikun jista' jitkompla x-xogħol ta' tindif u tisbieħ fi Howard Gardens.

39.2.5 Is- Sindku PSM ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li qed jinħargu xi boroz tal-waste wara l-ħinijiet stipulati li fihom jistgħu jinħarġu l-boroz. Huwa qal li hemm bzonn tittieħed azzjoni f'dan ir-rigward.

39.2.6 Is-Sindku PSM qal li inġibditlu l-attenzjoni mill-Ispettur ta' L-Għassa li skond il-liġi l-istabillimenti ma jistgħux iħallu *sandwich boards* barra matul il-lejl u li ser jibda jsir l-infurzar ta' din il-liġi.

39.3.6 Is- Sindku PSM infurma lill-Kunsill li hemm permess mill-MEPA għal medieval swings fl-area tat-Tomba. Huwa qal li fi-dawl tal-fatt li biex ikun hemm change of use tat-Tomba qed tintalab is-somma ta' € 9000 li l-Kunsill ma jiflaħx iħallas, huwa

kellem lil perit u talbu biex jara' l-possibilita' li fil-permess li għandu l-kunsill jiġi estiz u jigi inkluz ukoll bħala entertainment.

39.3.7 Is- Sindku PSM talab lis-SE biex jieqfu jinħarġu permessi lil Xara Palace biex residenti fil-lukanda jkunu jistgħu jipparkjaw ġewwa l-Imdina.

**39.3 MLC Financial Statements 2015- Approvazzjoni ta' l-aġġustamenti**

39.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport Annwali Finanzjarju għas-sena 2015 kif emendat wara li sar l-audit. Ir-rapport finanzjarju annwali għas-sena 2015 kien propost għall-approvazzjoni mis-Sindku PSM li kien issekondat mill-Viċi Sindku JD. Ir-rapport ġie approvat unanimament u seba' kopji tar-rapport ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

**39.4 Quarter Financial Reports- 2015**

39.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju ta' kull tlett xhur għas-sena 2015. Ir- rapporti kien proposti għall- approvazzjoni mis-Sindku PSM li kien issekondat mill-Viċi Sindku JD. Il-Kunsill approva.

**39.5 Ħarġa Anzjani**

39.5.1 Il-Kunsill ddeċieda li l-ħarġa li jmiss ta' l-anzjani ser issir ġewwa Għawdex nhar is- Sibt 25 ta' Ġunju 2016

**39.6 Korrispondenza**

39.6.1 Talba mingħand is- Sinjura Edwige Xuereb, il-mara ta' l-ex Aġent President ta' Malta, Pawlu Xuereb biex fuq il-monument li hemm għal memorja tiegħu jizdied il-kliem "Aġent President ta' Malta 1987-1989". Il-Kunsill approva.

39.6.2 Applikazzjoni ta' sejħa għal fondi mill- Unjoni Ewropea għal konservazzjoni ta' postijiet storiċi. Is- Sindku ser jitlob għal laqgħa formali ma' l-Onor. Ian Borg, Segretarju Parlamentari

39.6.3 Proposta mingħand il-Provinċja Agostinjana dwar is-salib li jinsab fil-ġnien quddiem il-bieb ta' l-Imdina peress li l-provinċja qed tiċċelebra il Bi- Ċentenarju tagħha. Is- Sindku ser jkellem lill-Perit Norbert Gatt biex jara x'jista' jsir.

39.6.4 Korrispondenza mingħand il-KNPD fejn qed jinsistu li ssir platform lift fuq it-taraġ tas- Sur. Il-Kunsill qed jitlob li ssir laqgħa fuq il-post mal-KNPD.

39.7.4 Talba mingħand il-Kapitlu tal-Kattidral ta' L-Imdina biex ikun jaf d-dati tas-sena d-dieħla tal-Medieval Mdina Festival. Il-Kunsill

f'kaz li ssir l-attivita',ddeċieda li din issir fit-29 u t-30 ta' April 2017.

**39.7 Approvazzjoni ta' Ħlasijiet u ħlasijiet ta' Petty Cash**

39.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-12 ta' April 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 24,104.94.

39.7.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Joseph Debono li kien issekondat mill-Kunsilliera Camille Scerri. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**39.9 Aġġornament**

39.1.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata għal 14 ta' Ġunju 2016 fit-3pm.

____________ _______________

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |